# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Nru. 2392

**Kaz Nru. 2383/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Christine Azzopardi**

**u**

**Antoine Tanti ezercanti**
**l-kummerc bl-isem**
**Champ Pastizzerija**
**(Dwar tkeccija mill-impieg**
**allegata li hi ngusta).**

## Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK)

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjoni tar-rikorrenti Christine Azzopardi, li gie pprezentat fir-Registru tal-Qorti**

**fl'10 ta' Lulju 2006. Matul is-smigh tal-Kaz, ir-rikorrenti kienet assistita mill-Avukat Antonio M. Tufigno u ghas-Socjeta ntimata deher is-Sur Antoine Tanti li kien assistit mill-Avukat Norma Vella.**

**Fl'ewwel seduta l-Avukat Joe Brincat, ghan-nom tas-Sur Noel Tanti irreleva li fl'1 ta' Mejju 2005, l-impjegati kollha ghaddew minn fuq Noel Tanti ghal Antoine Tanti u b'dan ukoll giet infurmata l-ETC. Invista ta' dan, gie mibdul ukoll l-occhio tal-Kaz fejn minn kif kien jaqra Christine Azzopardi vs Noel Tanti u Antoine Tanti ezercenti l-kummerc bl'isem Champ Pastizzerija, gie jaqra Christine Azzopardi vs Antoine Tanti ezercenti l-kummerc bl-isem Champ Pastizzerija.**

**Fl'Istqarrija tal-Kaz ir-Rikorrenti tghid, li hi kienet ilha mpjegata ma Champ Pastizzerija mit-3 ta' Mejju 2004 u l-impieg taghha gie mitmum hesrem fil-11 ta' Marzu 2006. Hija tghid ukoll, li x-xoghol li kienet twettaq kien dak ta' tisjir.**

**Fl'Istqarrija taghha hija tkompli tghid, li l-mama taghha kienet tigi oht il-mara ta' Noel Tanti u f'dak il-perjodu kienu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni. Hija tghid wkoll, li maghha gew imkeccija wkoll l-gharus taghha u missierha Joseph Azzopardi u t-terminazzjoni**

**taghhom saret minn Antoine Tanti u kollha gew imkeccija fl'istess hin minghajr ma gew moghtija raguni.**

**Fl'Istqarrija taghha ir-rikorrenti tkompli tghid, li meta dak inhar stess iktar tard missierha nizel il-hanut f'San Giljan u kellem lill Noel Tanti u lil Antoine Tanti, u talabhom jispjegawlu ghall-inqas x'kienet ir-raguni, jekk kien hemm, Noel Tanti l-ewwel haga li qallu kienet "Nahseb smajt li wehilt xahrejn habs eh ?" ir-rikorrenti tghid ukoll, li Noel Tanti kien qed jirreferi ghall-kawza tal-Kriminal li kellu ma oht il-mama taghha, illi fiha kien wehel xahrejn habs. Hija tghid ukoll, li imbghad dawn l-ahwa qalu lill-missierha li ma setghu jaghmlu xejn.**

**Ir-rikorrenti tghid ukoll fl'Istqarrija tal-Kaz taghha, li l-ghada li gew imkeccija is-sidien fethu hanut gdid f'B'Kara u n-negozju taghhom kien sejjer tajjeb hafna. Hija tghid ukoll fl'Istqarrija tal-Kaz taghha, li temmen li gew imkeccija minhabba l-bicca xoghol li mart Noel Tanti tigi oht ommha, u ried jekk forsi mhux jaghmel vendikazzjoni, almenu ma jaghtix soddisfazzjon lil martu jew lill-familjari taghha billi jzommhom impjegati mieghu.**

**Ir-Rikorrenti tghid ukoll fl'Istqarrija tal-Kaz taghha, li l-ewwel giet moghtiija formula ta' l-ETC, fejn ma kienx hemm ir-raguni ghat-terminazzjoni ta' l-impieg u wara li din ma kienitx giet accettata mill-**

**Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig, il-propjetarju nizzel li ir-raguni tat-terminazzjoni ta' l-impieg kienet ghal ragunijiet ta' Dixxiplina. Hija tghid ukoll, li din ir-raguni hija wahda ngusta u dan ghaliex, hija qatt ma giet moghtija l-ebda dixxiplina u lanqas twissija la bil-fomm u lanqas bil-miktub. Hija tghalaq l-Istqarrija tal-Kaz taghha fejn titlob lit-Tribunal Industrijali biex jiddikjara, li t-terminazzjoni ta' l-impieg taghha kienet wahda ngusta u bi ksur tal-ligi.**

**Ghan-naha tas-sid intqal, li Christine Azzopardi giet mkeccija minhabba l-fatt li xoghol ma kienitx taghmlu jew li ma kienitx taghmlu sew. Huwa jghid ukoll, li maghha kien hemm jahdmu wkoll l-gharus taghha u missierha u t-tlieta li huma kienu rabbew hafna arja u japprofittaw ruhom peress, li kienu qishom familja wahda u ma kienux jaghmlu x-xoghol sew ghax donnhom kienu jaghmlu l-arja flimkien.**

**Minn naha tas-sid fl'istqarrija tieghu jghid ukoll, li ma kienx minnu li ir-rikorrenti giet mkecciija ghal ragunijiet li semmiet ta' kwistjonijiet matrimonjali, izda t-terminazzjoni ta' l-impieg taghha saret fuq dixxiplina ghax ma kienitx tghamel ix-xoghol taghha sew u ma kienitx responsabbli fix-xoghol taghha.**

**Fl'Istqarrija tieghu is-sid jghid ukoll, li ma kienx jiflah jissaporti aktar din is-sitwazzjoni u zgur li ma kienx jaqbillu li jkecci tlett impjegati f'daqqa, imma s-sitwazzjoni kienet tant gravi li ma felahx jghamel mod iehor.**

**Huwa jghid ukoll fl'istqarrija tal-Kaz tieghu, li barra l-problema ta' traskuragni kienet tigi x-xoghol f'xi l-hamsa neqsin kwart ta' fil-ghodu flimkien mal-gharusa taghha u minflok jibdew bix-xoghol kienu joqoghdu jiehdu l-breakfast. Kienu jikkapparaw il-bankijiet u ghalhekk il-haddiema l-ohra kienu iridu joqoghdu jistennew lilhom ilestu mill-breakfast.**

**Mill-provi jirrizulta, li ir-rikorrenti l-ewwel kienet tahdem ma Noel Tanti u mill-1 ta' Mejju 2005 giet trasferita fuq Antoine Tanti u b'dan giet infurmata l-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig. Mill-provi jirrizulta ukoll, li minkejja li sar dan it-trasferiment pero ir-rikorrenti xorta wahda baqet tghamel l-istess xoghol fl'istabiliment Champ Pastizzerija ta' San Giljan.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li t-terminazzjoni ta' l-impieg saret b'modd hesrem fil-11 ta' Marzu 2006.**

**Matul is-smigh tal-provi quddiem it-Tribunal Industrijali, saru diversi allegazzjonijiet fil-konfront tar-rikorrenti fosthom; li ma kienitx tghaqdi xogholha sew, traskurata fuq il-post tax-xoghol, kienet tigi f'konfront ma haddiema ohra, kienet tghamel xoghol kif gie gie u kienet ikkapparat l-post tax-xoghol flimkien ma l-gharus taghha u missierha.**

**Dawn l-allegazzjonijiet kollha gew michuda mir-rikorrenti u tghid li hi dejjem qdiet dmirha kif suppost u dejjem kienet attenta ukoll fuq il-post tax-xoghol.**

**Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li t-terminazzjoni ta' l-impieg taghha saret fi zmien meta Noel Tanti kien ghaddej minn problemi matrimonjali ma oht ommha.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra r-ragunijiet li gew moghtija lit-Tribunal Industrijali ghat-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrenti li kienet fuq bazi ta' dixxiplina.**

**F'dawn il-Kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra, li mill-provi li tressqu, ghalkemm is-sid ta' l-istabiliment ghamel diversi allegazzjonijiet fil-konfront tar-rikorrenti, liema allegazzjonijiet gew**

**michuda, pero ma gew sottomessi l-ebda dokumenti quddiem it-Tribunal Industrijali, li juru li ir-rikorrenti kienet giet imwissija u ttiehdet xi forma ta' dixxiplina fil-konfront taghha.**

**Invista ta' dan, it-Tribunal Industrijali jezamina kif saret it-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrenti u l-ewwel li jsib hija li din saret b'modd hesem, jigifieri li giet mkeccija minn fuq il-post tax-xoghol instantjament. It-Tribunal Industrijali jsib ukoll, li din it-terminazzjoni ta' l-impieg saret minghajr ma is-sid informa lir-rikorrenti x'kienu in-nuqqasijiet taghha u ma ta' l-ebda opportunita li b'modd xieraq tiddefendi l-kaz taghha bil-persuna ta' l-ghazla taghha.**

**F'diversi okkazzjonijiet dan it-Tribunal Industrijali kemm il-darba sahaq, li meta jkun hemm kaz ta' Dixxiplina fil-konfront ta' impjegati u dan anke meta l-impjegati jigu imwissija verbalment, din it-twissija ghanda tigi registrata bil-miktub u dan sabiex tkun punt ta' riferenza ghal meta jinqalghu kwistjonijiet ta din ix-xorta li qed jittratta dan it-Tribunal Industrijali. Invista li ma gietx ippruvata b'modd konkret, li fil-passat ir-rikorrenti kellha kazijiet ta' dixxiplina, dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi, li ir-rikorrenti qatt ma ttiehdu passi dixxiplinarji fil-konfront taghha.**

**Kif diga inghad hawn fuq, meta fl'opinjoni tas-sid il-haddiem ikun naqas minn dmirijietu u jkun jirrikjedi li jittiehdu passi dixxiplinarji fil-konfront ta' l-impjegat, is-sid ghandu jinforma lill haddiem involut bil-miktub x'kienu innuqassijiet u jghati l-opportunita lil haddiem li jiddefendi l-kaz li jkun gie allegat bih mis-sid. Il-haddiem ghandu wkoll jigi moghti l-opportunita, li jiddefendi l-kaz tieghu anke jekk ikun irid li jkollu l-assistenza ta' persuna ta' l-ghazla tieghu.**

**Mill-provi li gew imressqa quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li fl'ebda stadju tal-Kaz is-sid ma ta' l-opportunita lir-rikorrenti li b'modd xieraq tiddefendi l-kaz taghha.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsdira d-dokumeti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet, isib u jasal ghal-konkluzzjoni, li ir-rikorrenti ma gietx moghtija l-opportunita xierqa biex tiddefendi l-kaz taghha u ghaldaqstant it-terminazzjoni ta' l-impieg hija ngusta u saret bi ksur tal-ligi. It-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li fil-waqt li l-impieg ma jigix moghti lura, ir-rikorrenti ghandha tithallas kumpenss minn ghand Antoine Tanti ezercenti l-kummerc bl-isem Champ Pastizzerija li jammonta ghal €3,500 (tlett t'telef u hames mitt euro) liema kumpenss ghandu jithallas fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-decizjoni.**

**Minhabba diferimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' minn assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**(Iffirmat)**
**Harold Walls**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**

**Data: 19 ta' Mejju, 2015**